MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 21a

29 ta' Jannar 2026

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 21 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis, 29 ta' Jannar 2026 fil-5.30pm.

### Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsilliera C. Castillo li kienet skużata minħabba raġunijiet ta' safar.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

### Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru.20 li saret fit-23 ta' Diċembru 2025, ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Ħlasijiet tal-Kontijiet tal-ARMS Ltd fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol III)

2.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk kienx hemm żviluppi fuq il-ħlasijiet tal-kontijiet tal-ARMS fl-uffiċini tal-Kunsill, peress li meta vverifikat jidher li l-uffiċċju tal-Maltapost plc kien ser jibqa' joffri dan is-servizz.

2.1.3. Is-Sindku għarraf li s'issa ma kienx hemm żviluppi fuq din il-materja.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Korsijiet tal-Ewwel Għajnuna fl-uffiċċju tal-Kunsill (E/3/1 Vol III)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li peress li ma kienx hemm applikanti biżżejjed, dan il-kors ġie pospost. Appena jkun hemm tnax-il applikant jew aktar il-kors ikun jista' jsir u l-kors hu mqassam fuq żewġ sessjonijiet ta' ħames sigħat -il waħda.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1 Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)**

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għall-ħarġa kulturali li saret fil-21 ta' Jannar 2026 attendew tletin persuna flimkien ma' Ms Tara Darmanin. Il-ħarġa kienet tikkonsisti fi żjara fl-Arkivji Nazzjonali fir-Rabat, Malta u wara waqfa għall-kafe.

2.3.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet ukoll li qed isiru l-preparamenti neċessarji biex tiġi organizzata l-ħarġa kulturali fix-xahar ta' Frar 2026. Hija qalet li bħala gwida ser ikun hemm l-istudenti li qed jattendu l-kors tal-gwida fl-ITS.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità ser issir nhar is-Sibt, 31 ta' Jannar 2026.

2.4.3. Is-Sindku għamel aċċenn għall-proposta li kienu għamlu l-Pulizija sabiex jitwaħħlu cameras tas-sigurtà fl-entraturi ta' Santa Maria Estate. Huwa qal li jekk il-Kunsill jaqbel, tista' ssir is-sejħa għall-kwotazzjonijiet.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 'Young Engineers STEM Activities' fil-Mellieħa (A/5/3/Vol XVI)**

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjonijiet tal-'Young Engineers Stem Activities' bdew u qed isiru kull nhar ta' Erbgħa u kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija fis-sala Joseph Borg. Għal kull sessjoni, qed ikun hemm madwar għoxrin parteċipant.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li s-sessjonijiet ta' 'Aqra Miegħi' fl-irziezet ta' Selmun ser isiru fil-21 ta' Frar 2026 u fil-21 ta' Marzu 2026.

2.6.3. Hija ssuġġerit li għandha ssir promozzjoni ta' dawn is-sessjonijiet fost il-familji Melleħin bi tfal żgħar, peress il-familji li qed jattendu mat-tfal tagħhom mhumiex Melleħin.

2.6.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li s-sessjonijiet ikun aħjar jekk isiru wara nofsinhar minflok filgħodu, peress li wara nofsinhar tista' sservi ta' ħarġa għal ħafna familji.

2.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-unit għall-għoti tad-demm ser tkun fi Triq Selmun, il-Mellieħa f'dawn id-dati: 15 ta' Marzu 2026, 28 ta' Ġunju 2026, 27 ta' Settembru 2026 u 28 ta' Diċembru 2026.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. SPI.SCI.10.2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2026 – 2027 (E/3/1/Vol V)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni tiegħu għall-Korsijiet Lifelong Learning għal din is-sena. Hija qalet li l-Kunsill applika sabiex isir il-kors tal-Malti għall-Barranin, tal-Bizzilla taċ-Ċombini, tal-Ħjata, u IT.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. F. Xuereb/Etna/Għasel (P/4/27)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fl-14 ta' Jannar 2026 sar onsite meeting li għalih attendew rappreżentanti ta' Project Green, il-kuntrattur Derek Garden Centre u min-naħa tal-Kunsill il-Perit J. Attard flimkien miegħu.

3.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li l-kuntrattur kellu jibda l-mobilization iżda minħabba l-maltemp ma bdewhx. Huwa qal ukoll li fi Triq l-Etna ser isir culvert li minħabba f'hekk ser tidjiq ftit it-triq u l-Kunsill għadu qed jistenna l-eżitu tal-PC Application biex Triq Mons. F. Xuereb iżżomm il-wisa' tagħha kif inhi fil-preżent.

3.1.4. Huwa qal li kif kien hemm innota li c-charging pillar li hemm fi Triq Mons. F. Xuereb ġarrab ħsarat u talab li jiġi rrapurtat.

3.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1. Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà (C/9)

3.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-kuntratt dwar l-installazzjoni ta' erba' cameras tas-sigurtà fl-entraturi prinċipali tal-Mellieħa li ngħata lill-Albera Fire & Security Equipment Ltd ġie ffirmat. Il-Kunsill qiegħed jistenna data dwar meta ħa jibdew ix-xogħlijiet.

3.2.3. Dwar is-CV Camera fi Triq il-Miżieb, is-Sindku għarraf li wara s-sejħa għall-kwotazzjonijiet li saret, iSpy Ltd kellu l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża u għaldaqstant ix-xogħlijiet saru kollha minnu. Fil-fatt, huwa qal li l-camera twaħħlet u jonqos biss li jsiru t-tabelli li jindikaw li hemm CV Camera. Huwa qal ukoll li l-LESA ser ikunu qed jagħmlu monitoraġġ min-naħa tagħhom biex jaraw li r-restrizzjonijiet li hemm fil-Ħdud u fil-Festi jiġu rrispettati.

3.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1 Is-Sitwazzjoni dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku (K/6/2/Vol VI)

3.3.2. Dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir tal-iskart domestiku, is-Sindku G. Micallef għarraf li fl-14 ta' Jannar 2026, huwa bagħat imejl lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kif ukoll lill-Kunsill Reġjonali Tramuntana. Permezz ta' din l-email huwa ġibed l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir tal-iskart partikularment minn Għerien il-Ħida u mill-Għadira Caravan Site. Sfortunatament, dawn l-inħawi kienu mingħajr servizz ta' ġbir tal-iskart għal madwar xahar. Huwa żied jgħid li minn verifiki li saru, fuq ir-Reġistru Elettorali hemm persuni li għandhom l-indirizz tagħhom reġistrat f'dawn l-inħawi u għaldaqstant is-servizz għandu jiġi pprovdut.

3.3.3. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana sostna l-argument billi bagħat imejl min-naħa tiegħu, fejn elenka l-problemi li l-lokalità tal-Mellieħa qed taffaċja fejn jidħol ġbir tal-iskart domestiku. Il-Kunsill Reġjonali Tramuntana min-naħa tiegħu ssuġġerixxa li ssir laqgħa bejn il-partijiet kollha nvoluti.

3.3.4. Is-Sindku għarraf ukoll li huwa kellu kuntatt mal-Onor. Alison Zerafa Civelli, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali dwar il-ksur kuntrattwali fosthom in-nuqqas ta' liċenzji meħtieġa, in-nuqqas ta' trakkijiet u n-nuqqas ta' sistema ta' tracking. Min-naħa tagħha l-Onor. Civelli qalet li ser tkun qed titkellem mal-Kunsill Reġjonali Tramuntana u ħa tipproponi data hi biex il-partijiet kollha jiltaqgħu. Appena jkollu din l-informazzjoni, is-Sindku qal li ser jinforma lill-membri kollha tal-Kunsill.

3.3.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa meta hi d-data ta' skadenza ta' dan il-kuntratt u s-Sindku wieġeb li l-kuntratt jiskadi f'Jannar 2027.

3.3.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Laqgħa dwar l-Estimi Finanzjarji 2026 – 20/01/2026;
- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji 2026;
- Rapport Amministrattiv imħejji mis-Sindku – 2025/2026;
- Id-Diskors tal-Laqgħa Ġenerali Annwali – 2026;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 23/01/2026;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/12/2025 – 23/01/2026;
- Skeda ta' Petty Cash – 01/12/2025 – 31/12/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s-Sur Ralph Camilleri, il-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa għamel talba lill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada sabiex wara li tlesta x-xogħol tal-fencing madwar il-multi purpose court, issir gate addizzjonali fejn il-gate tal-entratura tal-iskola. Dan bil-għan li l-multi purpose ikun jista' jingħalaq u jintuża esklussivament mill-iskola bejn it-8.00am u s-2.00pm. Il-Kap tal-Iskola talab ukoll li jkollu aċċess għar-restrooms li hemm fil-multi purpose court waqt l-istess ħinijiet.

5.1.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li t-tfal tal-iskola jista' jkollhom aċċess għad-dressing rooms u waħda mir-restrooms tkun għalihom.

5.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li s-sub contractor biex jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji fit-toroq fir-rigward tal-proġett imsemmi huwa North 2 South Ltd, li huwa l-istess kuntrattur li ħa l-kuntratt tat-Tisbiħ tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar.

5.2.3. Is-Sindku qal ukoll li l-kuntrattur Micamel Ltd qed jerġa' japplika għall-permessi neċessarji biex isiru x-xogħlijiet fit-toroq u l-bankini peress li dawn għandhom skadenza qasira.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-proposta.

### 5.3.1. Bus Interchange proposta fi Triq Selmun (T/5/1 Vol II)

5.3.2. B'referenza għas-silta 5.3.1. mill-minuti tas-seduta preċedenti, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill appella d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar li kienet tgħid hekk:

> 1 The proposed development runs counter to Thematic Objective 11 of the Strategic Plan for Environment and Development in that the proposal is not considered to facilitate the provision of an efficient public transport service.

5.3.3. Huwa għamel referenza wkoll għar-raġunijiet li tat Transport Malta f'dan ir-rigward li kienu:

> Transport Malta is of the opinion that it is premature to consider this application, as the proposed configuration would require a considerable change in the scheduled public transport network operating in the locality, for which there is currently no commitment.

5.3.4. Huwa qal li kif kien ġie maqbul fis-seduta preċedenti, il-Kunsill ma qabilx mar-raġunijiet mogħtija u għaldaqstant oġġezzjona għal din id-deċiżjoni. Sadanittant, għarraf li huwa bagħat email lis-Sur Michael Cohen, Senior Manager Transport Malta fejn talba li jerġgħu jibdew id-diskussjonijiet.

5.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1 Xogħol Infrastrutturali minn WSC fi Triq ta' Msid, Triq ir-Ramla tal-Bir, Triq Ramlet il-Qortin, Triq l-Armier iż-Żgħir, Triq it-Torri l-Abjad u Daħlet ix-Xmajjar (W/2/Vol IV)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-imejl datat 21 ta' Jannar 2026 mibgħut mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar ix-xogħol infrastrutturali li l-korporazzjoni ser tkun qed tagħmel fi Triq Ta' Msid, Triq ir-Ramla tal-Bir, Triq Ramlet il-Qortin, Triq l-Armier iż-Żgħir, Triq it-Torri l-Abjad u Daħlet ix-Xmajjar. Huwa qal li f'dawn it-toroq ser isiru x-xogħlijiet li jidhru hawn taħt:

- Triq ta' Msid: Replacement and upgrading of wastewater rising mains; installation of new potable water main and new water infrastructure
- Triq ir-Ramla tal-Bir: Installation of new potable water main and new water infrastructure
- Triq Ramlet il-Qortin: Installation of new potable water main and new water infrastructure
- Triq l-Armier iż-Żgħir: Installation of new water infrastructure
- Triq Ramla tat-Torri l-Abjad: Installation of new water infrastructure
- Triq Daħlet ix-Xmajjar: Installation of new water infrastructure

5.4.3. Is-Sindku spjega li x-xogħlijiet ser ikunu mqassma kif jidher hawn taħt:







*Disclaimer: This timeline is tentative for tender preparation purposes and is therefore subject to further assessments with the contractor.*

5.4.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li speċjalment fi Triq Ta' Msid, importanti li l-bdiewa jibqagħlom aċċess minn toroq oħra.

5.4.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fuq l-istess punt, importanti li jibqa' aċċess ukoll għal-lukanda Ramla Bay Resort.

5.4.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1 Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fir-rigward tal-proġett imsemmi, il-ħaddiema tal-Kunsill neħħew ir-railing li kien hemm f'dan it-taraġ wara talba li għamel il-kuntrattur North 2 South Ltd.

5.5.3. Is-Sindku qal ukoll li wara l-aħħar komunikat li kellu mal-kuntrattur, il-kuntrattur għarrfu li qed jagħmel garanzija bankarja wara talba li saritlu mill-Korporazzjoni Enemalta b'rabta mal-bini ta' sub station f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.5.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jkun għaqli li meta l-Korporazzjoni Enemalta tkun ser tgħaddi l-cables matul Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Kunsill jissuġġerixxi l-aħjar mod biex isir dan biex issir l-inqas ħsara possibbli lill-pavimentar ta' dan il-Misraħ.

5.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.6.1. Proġetti tal-Kunsill (P/4/17, P/4/6/Vol VI)

5.6.2. Għal din il-parti tas-seduta ngħaqad b'mod virtwali l-Perit Matthew Casha li ntalab jagħti spjega u aġġornament fuq il-proġetti tal-Kunsill li l-Kunsill beda jaħdem fuqhom.

5.6.3. Il-Perit Matthew Casha qal li l-proġetti li qed jieħu ħsieb hu huma:

(i) it-tisbiħ tat-taraġ fi Triq l-Isqof Pace;

(ii) it-tisbiħ tat-taraġ fi Triq Gorg Borg Olivier viċin Puzzu Restaurant;

(iii) il-manutenzjoni tal-multi purpose court fil-Park tal-Familja;

(iv) il-bus shelters; u

(v) l-upgrading ta' Ġnien il-Qigħan.

5.6.4. Il-Perit M. Casha ta spjega dettaljata dwar it-tisbiħ taż-żewġ turġien u wera anke drawing tat-tisbiħ kif propost. Huwa qal li fiż-żewġ turġien ħa jintuża l-kunċett ta' urban greening, ħa jsiru passaġġi, planters bi pjanti, bankijiet fejn wieħed jista' jieqaf, dawl adegwat u jistrieħ u li jkun hemm 'homogeneous environment' fit-turġien kollha fejn ser isir dan it-tip ta' intervent. Fir-rigward tat-taraġ viċin il-Puzzu Restaurant, minħabba li hemm aktar spazju, ħa jkun hemm ukoll taraġ li ħa jservi bħala 'gathering area'.

5.6.5. Il-Perit qal li t-tisbiħ tat-taraġ fi Triq l-Isqof Pace huwa stmat li jiġi jiswa' €55,000 filwaqt li t-tisbiħ tat-taraġ fi Triq Gorg Borg Olivier huwa stmat li jiġi jiswa' € 82,000.

5.6.6. Il-Perit tkellem ukoll dwar l-aċċessibiltà fiż-żewġ turġien imsemmija u qal li fiż-żewġ każijiet huwa impossibbli li timxi mar-rekwiżiti tas-CPRD minħabba l-gradient tat-triq fejn jinsabu.

5.6.7. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk il-Kunsill hux ser ikollu xi issues mas-CPRD minħabba nuqqas ta' aċċessibiltà. Hija qalet li qed tistaqsi dan fuq esperjenza li kellha.

5.6.8. Il-Perit M. Casha qal li din hi mistoqsija validissima pero' l-Kunsill għad irid japplika għall-permessi DNO mal-Awtorità tal-Ippjanar u apparti minn hekk ir-risposta tiegħu lis-CPRD tista' tkun li t-teren ma jippermettiex mod ieħor. Huwa qal li l-importanti huwa li l-bankini ma jiċċekknux minn dawk kif inhuma bħalissa biex jekk persuna trid tgħaddi b'push chair, eċċ ma ssibx problema.

5.6.9. Il-Kunsillier E. Bartolo għamel aċċenn għaż-żewġ proġetti li kien għamel il-Kunsill fit-taraġ fi Triq San Publiku u fit-tarag bejn Triq Sant'Anna u Triq Gorg Borg Olivier. Huwa qal li anke hawnhekk kien hemm problema ta' aċċessibiltà minħabba li l-gradient tat-triq hu li hu.

5.6.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill fir-rigward tat-taraġ fi Triq Sant'Anna kantuniera ma' Triq Gorg Borg Olivier, kien ġie mġiegħel jagħmel rampa. Fir-rigward taż-żewġ turġien fejn ser isir it-tisbiħ, huwa qal li l-bankina għandha tkun is-sors ta' aċċessibiltà.

5.6.11. Dwar il-bus shelters, il-Perit għarraf li fit-12 ta' Frar 2026 huwa għandu onsite meeting mal-FACES. Wara, ikun jista' joħroġ il-commencement notice. Huwa fakkar li l-bus stop faċċata taċ-ċimiterju Omm il-Ħniena fi Triq il-Marfa ser jiċċaqlaq bi ftit wara talba mir-residenti ta' Triq il-Marlozz u f'numru ta' bus shelters ħa jkun hemm bżonn li tinbena bażi tal-konkos.

5.6.12. Dwar il-proġett ta' Ġnien il-Qigħan, il-Perit qal li l-aħħar meeting li huwa kellu mal-ERA ftit tal-granet ilu, mar tajjeb ħafna. Fil-fatt l-ERA kulma talbu huma xi kjarifiki fuq il-Bill of Quantities. Huwa għarraf li dan kellu jkun proġett fejn jinbnew żewġ ġwiebi – waħda fi Ġnien il-Qigħan u l-oħra fi Ġnien tas-Salib. Madanakollu, l-ERA ddeċidiet li tikkonċentra fuq Ġnien il-Qigħan. Dan il-proġett ser ikopri bini ta' reservoir, rinovazzjoni tal-play area u rubber flooring, dog park mdawwar bil-fencing u taħwil ta' siġar fost xogħlijiet oħra. Għal dan il-proġett, l-ERA ser tiffinanzja l-ammont ta' €150,000 u ser ikunu qed jaħdmu fuq Memorandum of Understanding li jiġi ffirmat bejn l-ERA u l-Kunsill.

5.6.13. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk dan il-proġett jagħmilx parti mill-proġett Bellus u l-Perit wieġeb fl-affermattiv. Hija staqsiet ukoll kemm ser jiġi jiswa' d-dog park. Il-Perit wieġeb li d-dog park ser jiswa' madwar €11,000 u l-fencing madwar €7,800.

5.6.14. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u rringrazzja lill-Perit M. Casha għal dak l-intervent.

## 5.7.1 Installazzjoni ta' 'Souvenir Coin Machine' f'Postijiet ta' Interess (M/6/Vol V)

5.7.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat mis-Sur Keith Cristina dwar l-inizjattiva 'Souvenir Coin Machine'. Inizjattiva fejn jinħadmu muniti li fuqhom ikun hemm inċiż post storiku jew ta' interess u li jinbiegħu minn magni apposta.

5.7.3. Huwa qal li kemm-il darba l-Kunsill jieħu sehem f'din l-inizjattiva, jista' jkun hemm xi tip ta' kollaborazzjoni max-Xelters ta' Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, mas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa u anke mat-Torri l-Aħmar. Madanakollu, il-Kunsill irid jiddeċiedi min ser jieħu l-commission marbuta mal-bejgħ tal-muniti.

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. L-Applikazzjoni ta' Żvilupp PA 00154/26 – Lukanda Festaval fi Triq Tad-Dahar (P/5/8/D)

5.8.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-applikazzjoni ta' żvilupp PA 00154/26 dwar il-lukanda Festaval fi Triq Tad-Dahar, u kien hemm qbil bejn il-membri kollha preżenti li l-Kunsill għandu jibqa' jżomm mal-posizzjoni oriġinali tiegħu.

5.8.3. Għal dan il-għan, il-Kunsill qabel li l-Perit C. Cacopardo għandu jagħmel rappreżentazzjoni f'isem il-Kunsill f'dan ir-rigward.

5.8.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li b'hekk il-Kunsill ikun għamel il-parti tiegħu.

5.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.9.1. Speed Cameras fi Triq Lewis Wettinger (T/3/2/Vol XVIII)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef tkellem dwar id-diversi tentattivi li kien hemm fil-passat biex fi Triq Lewis Wettinger jitwaħlu speed cameras, u għal dan il-għan xtaq jara x'jaħsbu l-membri tal-Kunsill fuq din il-proposta.

5.9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jista' jagħti l-każ li jekk jitwaħlu speed cameras fi Triq Lewis Wettinger, is-sewwieqa taf jibdew jagħżlu li jgħaddu minn Triq il-Kbira u minn Triq il-Marfa minflok mill-bypass biex jaħarbu l-ispeed cameras.

5.9.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li wieħed irid jara xi speed limit ser ikun hemm stabbilit, peress li hemm parti minn Triq Lewis Wettinger fejn bħalissa l-ispeed limit huwa ta' 40km. Hja qalet ukoll li jista' jagħti l-każ li l-ispeed limit ikun ta' 40km matul it-triq kollha li fil-fehma tagħha huwa ftit wisq.

5.9.5. Is-Sindku qal li l-Pulizija qed imorru fi Triq Lewis Wettinger bl-ispeed gun u għandhom provi kemm qed ikun hemm sewwieqa li jsuqu b'mod eċċessiv. Huwa qal li din hija prova biżżejjed kemm-il darba l-Kunsill ikollu bżonn isostni l-argument tiegħu.

5.9.6. Huwa qal li l-aħjar żewġ postijiet kemm-il darba ssir speed camera għandhom ikunu qabel wieħed jaqbad Triq il-Miżieb u qabel wieħed jitla' għal Triq il-Mitħna l-Qadima. Dwar l-ispeed limit, huwa qal li dan jiġi stabbilit minn Transport Malta.

5.9.7. Il-Vici Sindku M. Borg Cuschieri ħa din l-okkażjoni sabiex jissuġġerixxi li ssir tabella ġdida fi Triq Lewis Wettinger li tindika li dalwaqt hemm in-niżla għal Triq il-Miżieb. Dan bil-għan li s-sewwieqa jkunu nfurmati bit-trejqa li hemm fuq ix-xelluq tat-triq.

5.9.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)

5.10.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Marfa, is-Sindku għarraf li x-xogħlijiet waslu fit-tielet ġimgħa u kien hemm waqfien biss minħabba l-maltempata Harry.

5.10.3. Is-Sindku qal li fl-ewwel ġimgħa nbiddlu l-mains tal-ilma minn Triq it-Trill safejn Nora's Restaurant, fit-tieni ġimgħa sar xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ fejn ir-roundabout viċin db Seabank Resort & Spa u fit-tielet ġimgħa sar xogħol fuq is-sistema tad-drenaġġ viċin Nora's Restaurant.

5.10.4. Il-ħsieb, qal is-Sindku, hu li t-triq tibqa' 'partial road closure' u stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex kemm-il darba jirċievu xi lmenti jgħadduhom lill-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill sab kollaborazzjoni sħiħa mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, mill-Perit inkarigata minn dan il-proġett f'isem V & C Contractors Ltd kif ukoll mill-Malta Public Transport.

5.10.5. Huwa qal li l-Kunsill irċieva ħafna talbiet fir-rigward tax-Shuttle Service. Fil-fatt, il-Kunsill għamel talba sabiex is-servizz jibda mill-5.00am u mhux fil-5.30am, liema talba ġiet aċċettata. Saret talba oħra min-naħa tal-Kunsill sabiex isiru żewġ bus stops temporanji – waħda fi Triq Lewis Wettinger u oħra fi Triq Selmun. Dan bil-għan li jiġi evitat li r-residenti jużaw mill-inqas il-Bus Stop 'Ruman'. Talba oħra kienet sabiex fi Triq Edward Camilleri jkun hemm 'sheltering' u xi bankijiet f'każ ta' xita u maltemp.

5.10.6. F'dan ir-rigward, il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa għaliex Malta Public Transport m'użawx is-sistema li kienet tintuża fil-passat li l-karozzi tal-linja jidħlu safejn il-Wellbee's Supermarket. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-karozza tal-linja li huma twal tlettax-il metru ċertament li jkollhom problema biex idawwru.

5.10.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal ukoll li partikularment persuni li jaħdmu l-isptar Mater Dei u għandhom bżonn jaqbdu l-karozza tal-linja fil-5.00am, qed ikollhom diffikultajiet peress li s-servizz tax-shuttle jibda fil-5.00am..

5.10.8. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irrimarkat li anke studenti bħat-tfal tagħha li jridu jitilqu mill-Mellieħa fil-5.00pm biex jaslu fil-ħin l-iskola, ma jistgħux jużaw is-servizz tax-shuttle għax inkella ma jirnexxielhomx jaqbdu karozza tal-linja li titlaq dawk il-ħinijiet.

5.10.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li wieħed ma jridx jinsa li hemm ix-xogħlijiet infrastrutturali għaddejjin fi Triq il-Fortizza u għaldaqstant ikun aktar diffiċli jekk il-karozza tal-linja jkollhom jidħlu safejn il-Wellbee's Supermarket.

5.10.10. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li ssir linja bil-bollards sal-bus stop Ruman bil-għan li n-nies ikun jistgħu jimxu wara l-bollards. Il-Kunsillier E. Bartolo wieġeb li kemm-il darba l-Kunsill jagħmel dawn il-bollards, il-Kunsill jiġi responsabbli hu kemm-il darba jinqala' inċident.

5.10.11. Is-Sindku għarraf li l-ispiża tax-shuttle se taqbeż il-€1,000,000. Madanakollu jista' jagħti l-każ li l-Kunsill jirnexxielu jkopri anke l-bus stops bħal bus stop 'Ruman' fir-rotta.

5.10.12. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.11.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.11.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-Espressjoni ta' Interess għal Youth Worker saret u għalqet. Il-Kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet u l-interviews saru nhar is-Sibt 24 ta' Jannar 2026.

5.11.3. Huwa qal li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta, hemm qbil li l-Kunsill juża s-servizzi taż-żewġ persuni li applikaw peress li t-tnejn huma validi ħafna. Huwa qal li waħda minnhom hija ta' nazzjonalità barranija.

5.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Talba biex isiru lampi ġodda fi Triq il-Wilġa (E/1/3/Vol VI)

5.12.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li rċieva talba sabiex isiru lampi ġodda fi Triq il-Wilġa, il-Manikata peress li tkun mudlama.

5.12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li jibqa' jżomm mal-ħsieb oriġinali tiegħu li ma jwaħħalx lampi ġodda f'toroq rurali bħal Triq il-Wilġa u Triq il-Mellieħa fost oħrajn.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li possibiliment isiru l-cats eyes minflok.

## 5.13.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li l-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2026 għalqet is-sejħa pubblika għall-ingaġġ ta' Administration Officer II u l-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda. Sfortunatament mil-lista ta' kandidati prospettivi li l-Kunsill irċieva minn Jobsplus m'applika ħadd.

5.13.3. Is-Sindu pppropona li l-interview issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2026 fil-5.30pm biex possibbilment sal-aħħar ta' Frar din is-sejħa tingħalaq.

5.13.4. Huwa ħa din l-opportunità sabiex il-Kunsill jiskatta l-proċess biex isir ingaġġ ta' Clerical Officer fi Skala 15 wara r-riżenja tas-Sinjura Rosalina Mifsud. Għaldaqstant, ippropona li għandha ssir it-talba lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

5.13.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.14.1. Kalendarju Kulturali 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa qed jaħdem fuq il-kalendarju kulturali għas-sena 2026 u appena jiffinalizzah ikun jista' jaqsmu mal-membri tal-Kunsill.

5.14.3. Huwa qal li l-Iljieli Melleħin 2026 ser isiru fil-weekend bejn l-24 u s-26 ta Lulju 2026 kif kienu jsiru qabel, peress li l-Għaqda tan-Nar Marija Bambina għandhom impenn ieħor fil-weekend bejn it-31 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu 2026.

5.14.4. Huwa qal li Jum il-Kunsill 2026 ser isir nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2026 u fil-21 ta' Frar 2026 ser tiġi organizzata Dog Walk li matulha l-Kunsill ser jiġbor ikel għall-klieb u qtates b'risq Noah's Ark Animal Sanctuary u l-cat feedes reġistrati. Matul din l-inizjattiva, hemm il-ħsieb ukoll li l-Kunsill joħroġ il-cat cafes li għandu u joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jinxtraw tlieta oħra.

5.14.5. Dwar il-Mixgħela, huwa qal li l-ħsieb huwa li din tiġi estiża għall-Manikata wkoll u għal sena l-oħra l-Kunsill jikkollabora mal-Għaqda tan-Nar Marija Bambina.

5.14.6. Is-Sindku għarraf ukoll li bejn it-28 ta' Frar u l-1 ta' Marzu 2026, Anakron ser itellgħu weekend t'attivitajiet medjevali fl-irziezet ta' Selmun. Huwa qal li dawn il-membri ġibdulu l-attenzjoni li l-Kunsill jeħtieġ jiċċekkja l-istat tat-travi tal-irziezet peress li jaħsbu li dawn jeħtieġu manutenzjoni.

5.14.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.15.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.15.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Bord t'Evalwazzjoni ser ikun jiltaqa' għada l-Ġimgħa 30 ta' Jannar 2026, sabiex jibda l-evalwazzjoni tiegħu tas-sottomissjonijiet li kien hemm għal din is-sejħa għall-offerti.

5.15.3. Apparti din is-sejħa għall-offerti, il-Bord ser ikun qed jevalwa wkoll is-sottomissjonijiet li kien hemm dwar is-CV Cameras fil-Manikata u t-Trasport tal-Anzjani għaċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa.

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Il-Ħamsin Sena Anniversarju taċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa (I/1/Vol X)

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għamel aċċenn għaċ-ċerimonja li fakkret il-ħamsin sena anniversarju mill-ftuħ taċ-Ċentru Laburista tal-Mellieħa. Huwa qal li kienet serata sabiħa u wera l-memento li hu rċieva f'isem il-Kunsill, mill-President taċ-Ċentru Laburista s-Sur Michael Buttigieg.

5.16.3. Huwa estenda mill-ġdid l-awgurju tiegħu f'isem il-membri kollha tal-Kunsill.

5.16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità u l-Estimi Finanzjarji 2026 (F/1/37)

5.17.2. Is-Sindku għamel referenza għal-Laqgħa Ġenerali Annwali 2026 li saret nhar it-Tlieta, 27 ta' Jannar 2026 fis-sala Joseph Borg.

5.17.3. Huwa qal li matul din il-laqgħa huwa ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv ippreparat minnu u nqara d-diskors tal-budget mis-Segretarju Eżekuttiv. Saret traduzzjoni taż-żewġ dokumenti bl-Ingliż għall-benefiċċju tal-persuni barrani li joqogħdu l-Mellieħa u l-Manikata.

5.17.4. Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa, il-Kunsill stieden lill-għaqdiet u soċjetajiet lokali u fil-fatt attendew ħames rappreżentanti mill-għaqdiet u membru mill-pubbliku in ġenerali. Huwa kompla billi qal li waqt il-laqgħa saru diversi interventi minn dawk preżenti u kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa ser jitqassmu mad-dokumenti tas-seduta tal-Kunsill li jmiss.

5.17.5. Huwa xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill li attendew u kienu parteċipi fil-laqgħa li saret apposta sabiex jiġu diskussi l-Estimi Finanzjarji 2026 u fil-Laqgħa Ġenerali Annwali 2026.

5.17.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Ħsarat wara l-Maltempata 'Harry' (D/3/1/Vol XIV)

5.18.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 21 ta' Jannar 2026 mibgħut mis-Sur Stephen Bonello, id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar il-ħsarat ikkawżati wara l-maltempata Harry li laqtet lill-gżejjer Maltin fl-20 ta' Jannar 2026

5.18.3. Is-Sindku qal li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ħoloq ħolqa apposta li minnha l-Kunsilli Lokali jistgħu jirrapurtaw il-ħsarat ikkawżati mill-maltempata f'toroq pubbliċi, bajjiet pubbliċi, eċċ. Min-naħa tal-Kunsill, s'issa saru rapporti dwar:

(a) It-triq tal-Mistra u l-Bajja tal-Mistra;
(b) Il-bajja tar-Ramla ta' Kejli/Ramlet il-Qortin;

(c) Il-bajja tal-Armier iż-Żgħir;
(d) Il-bajja tat-Torri l-Abjad;
(e) Il-bajja ta' Wied Musa;
(f) Slipway f'Dawret it-Tunnara;
(g) Slipwaqt fl-inħawi Ta' Gerbulin;
(h) Triq id-Denċi;
(i) Triq il-Barkazza;
(j) Ħajt tas-Sejjieħ fi Triq Ta' Msid.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.19.1. Xogħlijiet mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi (D/3/1/Vol XIV)

5.19.2. Is-Sindku għarraf li permezz tad-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq parti mill-bankina ta' Triq il-Marfa kif ukoll xogħol ta' embellishment fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq l-Etna. Preċiżament hawnhekk, ser jitneħħa l-wiċċ li ġarrab ħsarat bl-għeruq tas-siġar tal-Ficus, u minflok wara ser titpoġġa aktar ħamrija.

5.19.3. Huwa qal ukoll li l-Kunsill talab l-għajnuna u l-intervent tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex jiġu rranġati passaġġ/taraġ kif ukoll isir re-inforcement tat-triq fix-Xatt ta' Santa Marija.

5.19.4. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni sabiex jgħarraf li wara li kellu kuntatt ma' Melita plc, ser isiru xogħlijiet ta' patching fi Triq l-Imsell peress li t-triq kienet tħalliet fi stat ħażin wara xogħlijiet li għamlet Melita plc. Huwa qal li Melita plc ser tieħu ħsieb tirrimedja.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u rringrazzja lill-Perit Luke Scicluna u l-ħaddiema kollha tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

## 5.20.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet fuq il-bankini fi Triq il-Fortizza kważi lesti u l-asfaltar għandu jsir f'nofs Frar 2026.

5.20.3. Dwar Triq Ta' Masrija u Triq ir-Rattan, is-Sindku qal li s-sub contractor li kellu jerġa' jagħmel is-sinjali tat-toroq wara li dawn it-toroq ingħataw it-tarmak, sfortunatament ma mexxiex mas-sinjali kif kienu qabel ma ngħata l-asfalt. Dan irriżulta li l-Kunsill irċieva lmenti mir-residenti li għandhom garaxxijiet peress li kien qed ikollhom diffikultà jimmanuvraw biex jidħlu u joħorġu mill-garaxxijiet tagħhom.

5.20.4. Wara kuntatt li sar mal-Perit Reuben Sammut, il-Perit responabbli mix-xogħlijiet f'isem IM, intlaħaq ftehim li l-kuntrattur Central Asphalt Ltd jibda juża s-servizzi ta' B. Grima & Sons Ltd. peress li dan il-kuntrattur ilu jaħdem mal-Kunsill u jaf kif kienu s-sinjali tat-toroq qabel ix-xogħlijiet. Permezz ta' dan il-ftehim, dawk in-nuqqasijiet li kien hemm, ser jiġu ttranġati.

5.20.5. Is-Sindku ħa din l-opportunità sabiex jgħarraf li ser jibgħat tfakkira lil Infrastructure Malta dwar l-asfaltar ta' Triq il-Fuħħar u l-inizjattiva Vjal Kulħadd.

5.20.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.21.1. Proposta għal 'Slow Street' fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XIX)

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti dwar il-ħsieb tiegħu li fi Triq l-Etna fil-parti tal-belveder, tiġi adottata l-inizjattiva slow street kif hemm fi Triq Ġuże Flores. Huwa qal li jekk il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta, ser jagħmel it-talba lil Transport Malta.

5.21.3. Huwa qal ukoll li ser jibgħat tfakkira lil Transport Malta dwar il-proposti tal-Kunsill fir-rigward tal-Mistra junction, it-tabelli diġitali, it-traffic counts fi Triq Gorg Borg Olivier u sabiex ir-Rotta 238 tibda titlaq mill-Manikata.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-talba li saret.

### 5.22.1. Immaniġġjar tat-Traffiku fil-Vaganzi tal-Karnival 2026 (T/3/2/Vol XIX)

5.22.2. Is-Sindku tkellem dwar l-ammont ta' vetturi li jaqsmu għall-Għawdex waqt il-vaganzi tal-Karnival u l-importanza li din tiġi antiċipata bil-għan li jiġu evitati qeues twal u inkonvenjenzi għal sewwieqa oħra li jkollhom il-bżonn li jaslu fl-inħawi taċ-Ċirkewwa u l-Marfa minħabba raġunijiet ta' xogħol, eċċ.

5.22.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li fil-vaganzi tal-Milied, sfortunatament kien hemm ħafna qeues u ftit uffiċjali sabiex jgħinu fl-immaniġjar tat-traffiku. Hija ssuġġerita li għandu jkun hemm biżżejjed uffiċjali sabiex jgħinu fl-immaniġjar tat-traffiku tajjeb fi Triq Wied Musa, iċ-Ċirkewwa u qabel tidħol għall-Marfa. Dawn l-uffiċjali jridu jieħdu ħsieb li l-vetturi li ser jaqsmu għal Għawdex jużaw Triq Wied Musa filwaqt li vetturi oħra li jridu jaslu ċ-Ċirkewwa u l-Marfa għal raġunijiet oħra jużaw it-triq taċ-Ċirkewwa.

5.22.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-problema fil-vaganzi tal-Milied kienet li ma kienx hemm uffiċjali fi Triq Wied Musa u l-vapur kien qed jopera mis-South Quay minħabba l-maltemp.

5.22.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Disgrazzja fiċ-Ċirkewwa (C/8)

5.23.2. Is-Sindku rrefera għall-inċident fatali li ġara fiċ-Ċirkewwa fejn tfajla Pollakka li kienet għall-btala Malta, inġarret mill-baħar qawwi li ħakem iċ-Ċirkewwa.

5.23.3. Is-Sindku flimkien mal-membri kollha preżenti wrew is-sogħba tagħhom għal din it-traġedja u rringrazzjaw lill-ħaddiema kollha li kienu involuti fl-operazzjoni ta' salvataġġ u tfittxija.

5.23.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta sabiex jitwaħlu tabelli li javżaw lin-nies biex ma jersqux f'dawk l-inħawi f'każ ta' baħar qawwi.

5.23.5. Is-Sindku G. Micallef qal li sarlu suġġeriment minn Pulizija sabiex il-Kunsill jissuġġerixxi li ssir grada biex in-nies ma jersqux lejn dawn l-inħawi.

5.23.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel li titwaħħal tabella li tibqa' s-sena kollha għaliex il-grada taf ikun hemm min jaqbiżha xorta waħda.

5.23.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)

5.24.2. Is-Sindku għarraf li s-Segretarju Eżekuttiv għamlet talba uffiċjali sabiex minħabba l-urġenza, ix-xogħlijiet ta' scarifying ta' diversi isiru permezz ta' Direct Order.

5.24.3. Is-Sindku G. Micallef qal li peress li l-kwotazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet kienet taqbel it-28,000 il-Kunsill għamel talba uffiċjali lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex possibiliment jingħata l-permess li jagħmel dawn ix-xogħlijiet tant neċessarji mill-aktar fis possibbli. F'din it-talba huwa qal li l-Kunsill bagħat applikazzjoni, dikjarazzjoni, l-istima ffirmata mill-Perit responsabbli ta' dan ix-xogħol kif ukoll il-minuti fejn il-Kunsill approva li ssir din it-talba.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Inizjattiva mill-iskola St Patrick's fil-Mellieħa (A/4/5/Vol V)

5.24.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 5 ta' Jannar 2026 mingħand l-iskola St Patrick's, dwar proposta li tnax-il student iħawlu numru ta' siġar waqt li ser ikunu live-in fil-Mellieħa.

5.24.3. Is-Sindku qal li din hi t-tieni sena li din l-iskola qed tagħmel din it-tip ta' inizjattiva fil-Mellieħa. Huwa qal li d-data proposta hi t-28 ta' Frar 2026 u l-post fejn ser jitħawlu s-siġar ser ikun fi Ġnien il-Kenn Soċjali.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.25.1. Installazzjoni ta' Aktar Fanali Ornamentali fil-Qalba tar-Raħal (E/1/3/Vol VI)

5.25.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li biex il-qalba tar-raħal tkun kollha mgħammra b'fanali ornamentali, jonqos li jitwaħħlu mija u żewġ fanali oħra. Huwa qal li kienet anke ix-xewqa tal-Kunsill preċedenti li dan il-proġett jitkompla u għaldaqstant jixtieq li matul din il-leġislatura possibiliment dan jitwettaq.

5.25.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-Kunsill preċedenti fil-fatt kienu bdew diskussjonijiet sabiex fid-dokument tas-sejħa għall-offerti, possibiliment ikun hemm klawsoli li jgħidu li dan il-proġett jinqasam fuq erba' kwarti u l-pagamenti jsiru fuq medda ta' tliet snin.

5.25.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.26.1 Il-Fortizza ta' Campbell, f'Selmun (P/5/3)

5.26.2. Dwar il-Fortizza ta' Campbell, is-Sindku qal li wara li fil-15 ta' Diċembru 2025, id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bagħat imejl lill-Kunsill fejn qal li qed jiġu esplorati possibiltajiet ta' miżuri li jistgħu jittieħdu, fit-13 ta' Jannar 2026, huwa bagħat tfakkira peress li sadanittant ma kien hemm l-ebda żviluppi.

5.26.3. Huwa qal li l-Kunsill ilu sena u nofs jitlob li jingħalqu l-aperturi minħabba l-periklu li jeżisti u għamel referenza wkoll għall-imejl datat 7 ta' Jannar 2026 mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Ombudsman, fejn il-Kunsill intalab jerġa' jagħmel it-talba lid-Dipartiment tal-Artijiet ħalli l-każ ikun jista' jiġi segwit mill-Ombudsman. Is-Sindku qal li huwa wieġeb din l-imejl fejn ta' spjega dwar id-diversi drabi li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet konċernati fejn saħansitra elenka numru ta' miżuri biex jittaffew ir-riskji.

5.26.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.27.1. Il-Fond t'Aġġustament 2026 (F/1/37)

5.27.2. Dwar il-Fond t'Aġġustament 2026, is-Sindku qal li l-ħsieb tal-Kunsill din is-sena huwa li japplika biex dan il-fond t'aġġustament jagħmel tajjeb sabiex isiru mapep turistiċi ġodda, jiġu ntrodotti għamara tat-toroq ġodda li jagħmlu referenza għal-lokalità u inizjattivi fir-roundabouts.

5.27.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u nnota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. Xogħol Infrastrutturali fi Triq il-Fortizza ta' Campbell (T/4/4/Vol IV)

5.28.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li madwar sena ilu qajjem punt dwar ix-xogħol infrastrutturali li sar fi Triq il-Fortizza ta' Campbell fejn f'din it-triq Infastructure Malta introduċiet il-kunċett ta' grasscete paving blocks.

5.28.3. Huwa kompla billi qal li sfortunatament għaddiet sena minn meta tlestew ix-xogħlijiet, xita għamlet mhux ħażin din is-sena, iżda sfortunatament il-ħaxix ma telax. Huwa qal ukoll li kif inhu fil-preżent nies b'pushchairs, tfal bir-roti, dawn ma jistgħux jimxu fuqu u jidher li dan il-proġett sfortunatament ma rnexxiex. Madanakollu, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lil Infrastructure Malta jagħmel parti fil-ġenb tat-triq bil-konkos sabiex dawn in-nies ikunu jistgħu jgħaddu.

5.28.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li dan il-proġett kien iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u l-għan tiegħu kien li f'toroq rurali jiddaħħal dan il-kunċett ta' grasscrete sabiex ma jsirux interventi li jħassru l-ambjent tal-madwar.

5.28..5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel li jsir intervent bil-konkos biex ikun hemm aċċess għal dawn in-nies pero' l-intervent għandu jsir mal-ġenb tat-triq u mhux fin-nofs.

5.28.6. Is-Sindku G. Micallef qal li l-intervent ma jistax jagħmlu l-Kunsill pero' l-Kunsill jista' jagħmel it-talba lil Infrastructure Malta.

5.28.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.29.1. Light Pollution fl-inħawi taċ-Ċirkewwa (A/4/5/Vol V)

5.29.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri talab li tintbagħat tfakkira lill-kumpanija Gozo Channel u lil Infrastructure Malta sabiex possibiliment titnaqqas il-qawwa tal-lampi tad-dawl li hemm fil-port taċ-Ċirkewwa minħabba l-light pollution.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.30.1. Iż-Żoni ta' Ikkampjar fl-Aħrax tal-Mellieħa (C/4/Vol V)

5.30.1. Dwar iż-żoni ta' ikkampjar fl-Aħrax tal-Mellieħa, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jerġa' jqajjem il-punt li kienu ssuġġerew l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti Melleħin fejn Żona B tkun tista' tintuża għall-ikkampjar matul is-sena kollha anke waqt l-istaġun tal-kaċċa.

5.30.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li, l-ewwelnett għandu jżomm mal-kriterji stabbiliti li hemm fil-byelaw rispettiva u t-tieninett li ma joffrix Żona B bħala alternattiva minħabba l-periklu li jeżisti minħabba l-irdum.

5.30.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.31.1. Inizjattiva 'Women Connection' fl-uffiċċju tal-Kunsill (K/16)

5.31.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrefera għall-imejl datat 24 ta' Jannar 2026 mibgħut minn Ms Roberta Ottogalli dwar l-inizjattiva 'Women Connection.

5.31.3. Is-Sur M. Borg Cuschieri qal li l-għan ta' din l-inizjattiva huwa li dan il-grupp jibda jiltaqa' darba fix-xahar fl-uffiċċju tal-Kunsill, sabiex jagħti appoġġ permezz ta' pariri professjonali dwar temi komuni ħafna fost in-nisa, lil nisa li jipparteċipaw. Fost il-professjonisti ssemmew ġinekoloġi, accountant, terapisti u tabib li offrew li jagħtu dan is-servizz fuq bażi volontarja.

5.31.4. Il-Viċi Sindku qal li din l-inizjattiva hija interessanti anke għall-fatt li ħarġu biha persuni barranin li jgħixu Malta. Għal dan il-għan permezz ta' dawn il-gruppi jista' jkollok persuni li jieħdu din l-opporunità sabiex jintegraw fis-soċjetà. Huwa qal ukoll li jista' jkellem lil Ms Ottogalli sabiex possibiliment dawn il-gruppi ma jkunux miftuħa għan-nisa biss iżda għal kulħadd.

5.31.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.32.1 Bus Stop fi Triq Ramlet il-Qortin (E/1/3/Vol VI)

5.32.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li rċeviet talba mingħand persuni li jużaw il-bus stop fi Triq Ramlet il-Qortin, sabiex possibiliment dawn l-inħawi jkunu mdawlin aħjar.

5.32.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li din it-talba kienet diġa' saret fil-passat iżda l-ispiża sabiex dawn l-inħawi jkunu mdawlin aħjar kienet waħda konsiderevoli, peress li m'hemmx linja tad-dawl fil-viżin u lanqas arbli. Huwa kompla billi qal li biex ikun hemm dawl adegwat iridu jitwaħlu erba' arbli u tinġieb linja tad-dawl.

5.32.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jerġa' jitkellem mal-kuntrattur konċernat u possibbilment jara jekk hux possibbli ssir lampa li taħdem b'sistema ta' solar.

5.32.5. Il-Kunsillier E. Bartolo fakkar li l-Kunsill dejjem kien kontra li jżied id-dawl f'toroq bħal Triq Ramlet il-Qortin, Triq ir-Ramla tal-Bir eċċ peress li huma toroq rurali.

5.33.6. Għal dan il-għan, il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li l-bus stop jersaq viċin lejn il-pjazza tal-Armier fejn l-inħawi huma aktar imdawlin.

5.33.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.33.1. Taħdita mill-Victim Support Agency (K/1/6/Vol III)**

5.33.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ġie avviċinat mill-Victim Support Agency dwar il-possibiltà li ssir taħdita fl-uffiċċju tal-Kunsill, għall-benefiċċju ta' persuni/inidividwi li sofrew xi att kriminali. Hija qalet li din l-aġenzija toffri sapport psikoloġiku, sapport mill-Pulizija kif ukoll joffru l-kura u l-assistenza neċessarja biex dawn il-persuni jkomplu bil-ħajja normali tagħhom kemm jista' jkun. Din it-taħdita ser issir fis-17 ta' Frar 2025 fid-9.30 ta' filgħodu.

5.33.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.34.1. Sessjonijiet ta' Arts u Krafts għat-Tfal (K/1/6/Vol III)**

5.34.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ġie avviċinat minn Ms Jessica Vella li tixtieq tibda torganizza sessjonijiet ta' arti u krafts għat-tfal minn erba' snin 'il fuq fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.34.3. Fid-dawl li sessjonijiet simili diġà jsiru mill-Art Club 2000, il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux jissieħeb f'din l-inizjattiva.

**5.35.1. Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)**

5.35.2. Dwar il-pubblikazzjoni 'Snajjin', il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li din il-pubblikazzjoni hija lesta u l-kotba waslu fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.35.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-ħsieb huwa li t-tnedija ta' dan il-ktieb issir f'Marzu ta' din is-sena fi Ġnien l-Għoljiet u tiġi organizzata lejla apposta.

5.35.4. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni biex jgħarraf li wara din il-pubblikazzjoni, il-Kunsill se jibda jaħdem fuq il-pubblikazzjoni ta' Ms Tara Darmanin dwar il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa.

5.35.5. Huwa tkellem ukoll dwar kitbiet tas-Sur Vanny Sant, anzjan residenti fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa li għandu disgħin sena u dwar il-possibbiltà li l-Kunsill jippubblika dawn il-kitbiet inedoti.

5.35.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.36.1. Vultaġġ tad-Dawl Baxx fi Triq il-Barkazza (E/1/1/Vol V)**

5.36.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin talbet li l-Kunsill jagħmel pressjoni fuq il-Korporazzjoni Enemalta sabiex possibiliment il-problema ta' vultaġġ baxx fi Triq il-Barkazza tiġi ndirizzata. Dan peress li numru ta' residenti qed ibatu minn inkonvenjenzi fuq bażi regolari.

5.36.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.37.1. Proposta biex Triq il-Gardell issir One-Way (T/3/2/Vol XiX)**

5.37.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill qed jikkunsidra talba li rċieva sabiex fi Triq il-Gardell issir bankina fuq in-naħa tat-triq fejn bħalissa m'hemmx bankina u l-parking ta' vetturi jibda jsir fuq naħa waħda. Madanakollu, biex isir dan, it-triq trid issir one-way.

5.37.3. Is-Sindku G. Micallef qal li qabel ma' din il-proposta tiġi implimentata, il-Kunsill ser jikkonsulta mar-residenti ta' din it-triq.

5.37.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk hux ħa jintilef xi parking kemm-il darba jsiru dawn l-arranġamenti l-ġodda u s-Sur Emvin Bartolo wieġeb fin-negattiv.

5.37.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.38.1. Immaniġġjar Aħjar tat-Traffiku fi Triq l-Erwieħ (T/3/2/Vol XIX)**

5.38.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal dwar l-immaniġġjar aħjar tat-traffiku fi Triq l-Erwieħ, huwa jissuġġerixxi li jiġu introdotti numru ta' rumble strips. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jsiru numru ta' bollards biex min ħiereġ minn Triq l-Inkurunazzjoni ma joħroġx dirett fuq Triq l-Erwieħ.

5.38.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet biex il-Kunsill jindirizza wkoll il-periklu li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni peress li hemm iċ-ċint baxx ħafna u hemm l-għoli f'każ li jaqa' xi ħadd.

5.38.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li jsir railing fuq in-naħa ta' barra taċ-ċint li jikkumplimenta ma' dak tal-Belveder tas-Sur.

5.38.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.39.1. Sewqan eċċessiv fi Triq Għajn Żejtuna u fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XIX)**

5.39.2. Dwar is-sewqan eċċessiv fi Triq il-Qortin, il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill ilu ssirlu pressjoni minn resident partikolari li joqgħod Triq il-Qortin fuq sewqan eċċessiv f'din it-triq. Għal dan il-għan, huwa qal li l-Kunsill ser jagħmel talba lil Transport Malta biex possibiliment jiġu ntrodottii bollards biex vetturi awtomatikament inaqqsu l-veloċità.

5.39.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill bagħat ittra lil kull residenza f'din it-triq dwar x'jaħsbu fuq din l-inizjattiva u l-maġġoranza tagħhom kienet favorevoli biex jitwaħħlu l-bollards. Ir-residenti ma qablux li jitwaħħlu rumble strips.

5.39.4. Dwar is-sewqan eċċessiv fi Triq Għajn Zejtuna, il-Kunsillier E. Bartolo qal li qed isir abbuż minn sewwieqa speċjalment kemm ilha li tneħħiet ir-rumble strip li kien hemm viċin Triq il-Pont. Għal dan il-għan, il-Kunsill ser jagħmel talba lil Transport Malta biex possibiliment jiġu ntrodotti numru ta' sleeping policemen matul it-triq kollha.

5.39.5. Is-Sindku qal li anke f'dan il-każ, il-Kunsill bagħat ittra lil kull residenza u l-maġġoranza wkoll kienet favorevoli li jsiru s-sleeping policement.

5.39.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk il-Kunsill jafx diġa' quddiem liema residenzi ser isiru.

5.39.7. Is-Sindku wieġeb li din id-deċiżjoni hija f'idejn Transport Malta. Madanakollu l-Kunsill ser jissuġġerixxi li jsiru bejn ir-residenzi.

5.39.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.40.1. Il-Pedestrian Crossing ta' Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XIX)**

5.40.2. Dwar il-pedestrican crossing li hemm viċin l-istabbiliment Westreme, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel talba sabiex possibiliment din tersaq aktar 'l isfel biex il-posizzjoni tagħha tiġi aktar sigura.

5.40.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li meta kien qed isir ix-xogħol fuq il-promenade tal-Għadira, il-ħsieb kien proprju li din timxi aktar 'l isfel. Fil-fatt kienet diġa' saret built-out apposta. Madanakollu, xi sidien/residenti kienu oġġezzjonaw li timxi 'l isfel.

5.40.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.41.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)**

5.41.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li l-istudju li qed jagħmel il-Kunsill wasal fl-aħħar stadji tiegħu. Fil-fatt, huwa qal li huwa flimkien mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' Culture Venture li nfurmaw lill-Kunsill bil-findings li sabu.

5.41.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li f'din il-laqgħa, il-Kunsill ingħata informazzjoni dwar x'tagħrif interessanti rnexxielhom jiskopru fuq il-Mellieħa u l-Manikata kif ukoll għamlu rakkomandazzjonijiet biex possibilment tiġi indirizzata aħjar id-diversità.

5.41.4. Is-Sur J. Cauchi qal li appena l-istudju jkun lest, dan ikun jista' jitqassam lill-membri tal-Kunsill u ssir diskussjoni aħjar fuqu.

5.41.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.42.1. Talba minn Selmun Sports Club Biex Jinxtara Padding Apposta għall-Apparat tal-Basketball (S/6/Vol VII)**

5.42.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-Kunsill irċieva talba minn Selmun Sports Club sabiex possibiliment il-Kunsill jgħin biex jinxtara padding apposta għall-apparat tal-Basketball, biex dan l-apparat ma jkunx ta' periklu meta t-tfal tal-iskola jużaw il-multi purpose court.

5.42.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jagħmel talba lill-Kunsill Reġjonali Tramuntana sabiex jutilizza l-Fond Kulturali 2025 sabiex jinxtara dan il-padding.

5.42.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li l-padding jinxtara wkoll għall-apparat tan-Netball.

5.42.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet din l-opportunità sabiex tinforma lill-Kunsill, li Selmun Sports Club għamlu talba sabiex il-Kunsill possibilment jikkunsidra jħallas hu l-ispiża ta' €300 li Selmun Sports Club ħallsu biex inġiebu concrete blocks fil-Park tal-Familja. Dawn kienu inġiebu biex fuqhom jitwaħħal fence temporanju madwar il-multi purpose court. Dan kien qabel mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada aċċettat li tagħmel il-fencing hi.

5.42.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) il-Kunsill jikkontribwixxi l-ammont ta' €300.

**5.43.1. Installazzjoni ta' Easipik Parcel Locker (L/1)**

5.43.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferit għall-proposta li Maltapost plc kienet għamlet lill-Kunsill sabiex tinstalla Easipik Parcel Locker fi Ġnien tas-Salib. Hija qalet li Maltapost plc talbet ukoll, li l-Kunsill japplika għal DNO sabiex titwaħħal tinda apposta sabiex l-Easipik Parcel Locker jitpoġġa taħtha.

5.43.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti iżda wara aktar diskussjoni fuq din il-proposta, il-Kunsill deherlu li l-ma jaċċettahiex.

**5.44.1. Struttura Temporanja għal Waste Bins fuq il-Moll tal-Marfa (X/1/4/Vol II)**

5.44.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-operaturi ta' Noma Island li tkun armata fis-sajf viċin Kemmuna, sabiex bejn April u Settembru jarmaw struttura temporanja b'numru ta' waste bins sabiex ikollhom fejn jiddisponu mill-iskart li jiġġeneraw.

5.44.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ma sabx oġġezzjoni li dawn l-operaturi jingħataw in-no objection tal-Kunsill sakemm jiksbu l-permessi kollha neċessarji mingħand l-entitajiet konċernati biex jarmaw din it-tip ta' struttura.

**5.45.1. It-Tielet Guiness Worls Record għas-Sur Andrew Farrugia (M/6/Vol V)**

5.45.2. Is-Sindku G. Micallef qal li hija x-xewqa tiegħu li jistieden u jiltaqa' mas-Sur Andrew Farrugia fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-preżenza tal-membri tal-Kunsill kollha wara s-suċċess li għadu kif kiseb.

5.45.3. Is-Sindku qal li tkun ħaġa mill-aktar xierqa jekk il-Kunsill jiltaqa' mas-Sur Andrew Farrugia li għadu kif kiseb it-tielet Guiness Worls Record tiegħu, din id-dara għall-itwal struttura magħmula biċ-ċikkulata. Is-Sindku jissuġġerixxi li l-Kunsill jippreżentalu memento bħala tifkira.

5.45.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera E. Bartolo illi tgħid:

"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill;

U billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2025 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2025, kif deskritt fil-Performance Appraisal Report li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2025, l-impjegati eliġibbli, għandhom jitħallsu performance bonus, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2025, skont il-perċentwali ndikati fl-istess rapporti u soġġett għall-ftehim kollettivi fis-seħħ, kif ukoll skont ir-rata mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv.". (Wages)

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Cauchi.

### 6.1.2. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi waqt laqgħa li saret apposta sabiex jiġu diskussi l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026 nhar it-Tlieta, 20 ta' Jannar 2026, kif ukoll saret Laqgħa Annwali tal-Lokalità għar-residenti, nhar it-Tlieta, 27 ta' Jannar 2026, skont ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2026, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/37)

Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 23 ta' Jannar 2026.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-22 ta' Diċembru 2025 u t-23 ta' Jannar 2026.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn l-1 u l-31 ta' Diċembru 2025.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fid-9.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 25 ta' Frar 2026 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Marica Gambin |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |